# Il-Banda fi Floridia Ġrajja ta' 110 sena ilu

### Kitba ta' Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic.

Il-belt ta' Senglea tiftaħar, fost ħwejjeġ oħra, li kienet minn tal-bidu li tat lil dawn il-gżejjer għaqda mużikali li għamlet isem mal-Maltin. Hija soċjetà li għamlitha ta'.ambaxxatrici 'hemm minn xtutna meta kienet il-mistiedna ta' baned barranin fi żminijiet meta l-mezzi ma kinux jippermettu bħal fi żmienna.

Il-pożizzjoni ta' din il-belt, hekk qrib il-Port il-Kbir, ivvantaġġjat lis-Sengleani biex faċilment jitħalltu ma' barranin b'ideat u drawwiet differenti minn tagħna. Is-suċċessi f'kull qasam tal-arti hu dovut għal kuntratti estranji biex iġiegħlu lill-artisti jimirħu f'żoni ġodda ħalli jimpurtawhom u jadattawhom għat-togħmiet tagħna. L-arti tal-mużika hi fost l-aktar popolari u bikrija. Dan għaliex il-Maltin dejjem inkludew il-mużika u l-kant fil-festi u fiċ-ċelebrazzjonijiet, kemm dawk ta' ferħ kif ukoll dawk ta' niket.

Fl-1860, grupp imdaqqas ta' rġiel Sengleani li kellhom għal qalbhom il-mużika ftiehmu li jiltaqgħu regolarment u jgħaddu siegħa żmien idoqqu flimkien. Għal tmien snin, dan il-grupp kompost minn madwar għaxar bandisti, ma qata' xejn mill-provi biex meta jkun il-waqt li jidhru fil-pubbliku jkunu ppreparati kif imiss. Aktar bandisti bdew jingħaqdu flimkien u l-interess beda jiżdied meta fl-1871 twaqqfet il-Banda *La Vincitrice* bl-ewwel surmast tagħha jkun Mro. Pasquale Millo. Dar ċkejkna li kienet tilqagħhom u li kienet fi *Strada Porto Marina*, kantuniera ma *Strada Vittoria*, aktar tard saret il-każin tal-banda.

Is-Sibt 26 ta' Ġunju 1875, il-Banda *La Vincitrice* saret l-ewwel banda Maltija li ħalliet xtutna biex tagħti kunċerti f'Katanja. B'hekk hija fetħet kapitlu ġdid fl-istorja tal-baned Maltin.

L-organizzazzjoni ta' din il-mawra involviet preparamenti enormi, u l-kumitat ried li kollox jimxi skont il-pjani biex il-bandisti jaqtgħu figura tajba f'Katanja. Barra minnhekk, għadd ta'membri u ammiraturi tal-banda qatgħu l-biljett għal din is-safra bil-baħar, abbord il-bastiment Tork *Tiabulus Garb*, mill-uffiċċji tal-aġenzija f'numri 15 u 16 fi *Strada Porta Marina*. Hemm f'Katanja, il-Banda *La Vincitrice* daqqet għoxrin biċċa mużikali fosthom xogħlijiet ta' Auber, Gabriello, Gatti, Nani, Strauss, Verdi u oħrajn.

Fis-16 ta' April 1903, ir-Re Dwardu VII flimkien ma' martu, r-Reġina Alessandra, għamel żjara uffiċjali fil-gżejjer Maltin. Din iż-żjara rjali kienet tinkludi t-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-*Breakwater* li hemm fid-daħla tal-Port il-Kbir. Kien ippjanat li din iċ-ċerimonja ssir is-Sibt, 18 ta' April, iżda minħabba l-maltemp, ġiet trasferita għat-Tnejn, 20 ta' April.

Fil-5 ta' Awwissu 1903 inħareġ ir-*Writ* uffiċjali li bih ir-Reġina Alessandra, tat il-permess li l-banda, iġġib l-istemma Rjali fuq l-istandard tagħha u tibda tissejjah *Queen's Own*. Bħala espressjoni ta' ferħ u biex ifakkar din il-ġrajja, is-Surmast Mro. Giuseppe Parisi kkompona l-marċ *Queen Alexandria* ad unur din ir-Reġina.

Għall-festa tal-Bambina tal-1904, il-kumitat tal-Banda *Queen's Own*, stieden banda Taljana minn Floridia biex tiġi Malta u tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet. Fil-fatt, din il-banda, li kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Giacomo Smiriglio,daqqet nhar it-8 ta' Settembru 1904 fit-8.00 p.m. fuq il-planċier li kien armat fi *Strada Vittoria*. (Malta, 6 ta' Settembru, 1904, p. 2)

Nhar il-15 ta' Ottubru 1904, f'nota ta' apprezzament lill-banda ta' Floridia, is-Surmast Parisi kiteb hekk: *"Avendo io, Capo Maestro e Direttore del Concerto Civico Queen's Own di questa città Senglea (Malta) nei Concerti musicali tenuti in questa citta il di 8 e 9 dello scorso Settembre in occasione delle feste Nazionali e religiose della Nascità di Maria Vergine, dalla musica Cittadina di Floridia (Siracusa) gustato le melodie per la perfetta intonazione, ed ammirato la esatta esecuzione, l'accurata interpretazione nonchè l'energica direzione, spontaneamente e con vero piacere rilascio allo*

*Egregio Signor Maestro Giacomo Smiriglio ed ai Signori Bandisti quest'attestato, come prova della mia ammirazione e piena sodisfazione."*

(Bil-Malti: "Peress li jien Surmast u Direttur tal-Banda Ċivika "*Queen's Own*" ta' din il-belt Senglea (Malta), fil-Kunċerti mużikali miżmuma f'din il-Belt nhar it-8 u d-9 ta' Settemberu li għadda, fl-okkażjoni tal-festi Nazzjonali u reliġjużi tat-Twelid tal-Verġni Marija, iggustajt għall-intonazzjoni perfetta tagħhom il-melodiji mill-mużika Cittadina ta' Floridia (Siracusa), u ammirajt l-esekuzzjoni perfetta, l-interpretazzjoni eżatta kif ukoll id-direzzjoni ħajja, spontanjament u bi pjaċir sinċier qed inħalli lill-għażiż Sinjur Giacomo Smiriglio u lis-sinjuri Bandisti din it-tifkira, bħala prova tal-ammirazzjoni tiegħi u sodisfazzjon sħiħ." - Korrispondenza 1904-1905, p. 62)

Dan il-programm mużikali tant kien suċċess u din iż-żjara tant qanqlet entużjażmu li t-Taljani talbu biex il-banda tagħna tkun il-mistiedna tagħhom fi Sqallija. Fil-fatt, il-Banda *Queen's Own*, ġiet mistiedna għall-festi kbar ta' Lapsi li kienu ser isiru fi Floridia, qrib Siracusa. Il-Banda *Queen's Own* iddeċidiet li ssiefer mal-*S.S. Carola* nhar l-Erbgħa, 27 ta' Mejju 1908, fis-2.00 a.m.. Sadanittant, mill-agenzija tal-Adria u mill-każin tal-banda, issa f'numru 176, *Strada Vittoria*, bdew jinbiegħu l-biljetti, li kienu jiswew għal 72 siegħa. Il-prezzijiet tal-biljetti kienu: C1.£1. *(prima classe)*, C1.12s. *(seconda classe)* u 6s.5d. *(terza classe)*. Flimkien mal-bandisti u s-Surmast Mro. Gaetano Grech, telqu lejn Siracusa, il-President, Dr. Gian Felice Inglott, is-Segretarju, is-Sur Raffaele Attard, membri oħra tal-kumitat, ammiraturi tas-Soċjetà u għadd ta' impjegati tat-Tarznari. (*Malta Tagħna*, 23 ta' Mejju, 1908, p. 4)

Il-laqgħa li kellha l-banda tal-Isla fi Floridia kienet imponenti u kommoventi. Fid-daħla tal-belt, il-Maltin ġew milqugħa mill-Professur Dr. Giuliano, Sindku, mill-membri tal-Każin tan-Nobbli, mill-kleru, mill-istudenti u minn folla kbira ta' nies. Il-Banda Muniċipali daqqet l-innu Ingliż filwaqt li l-Banda Maltija sellmet bl-innu Taljan. Tul *Corso Umberto I*, il-Banda *Queen's Own* għamlet ukoll marċ, fost l-applawsi tal-poplu u qalb xita ta' fjuri, li baqa' sejjer sat-*Teatro Comunale.*

Is-Sindku tal-belt tkellem fit-tul f'isem l-abitanti ta' Floridia. Għal dan id-diskors, wieġeb it-Tabib Inglott f'isem il-ġitanti Maltin. Is-Sindku Giuliano ppreżenta lill-banda standard sabiħ biex jibqa' tifkira ta' dik l-okkażjoni. Mill-ġdid, it-tabib Inglott reġa' wieġeb b'diskors qasir.

F'dik l-istess lejla tal-Ħamis, il-Maltin kienu l-mistednin fil-Każin tan-Nobbli u l-Ġimgħa filgħodu ġew milqugħa mis-Sindku fil-Palazz Muniċipali. Hawn saru mill-ġdid diskorsi oħrajn mis-Sindku, mit-Tabib Inglott u minn oħrajn.(*Malta Tagħna*, 23 ta' Mejju, 1908, p. 3)

Il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 1908, f'nofsillejl il-Maltin reġgħu lura lejn Malta. Bla dubju, il-banda Sengleana baqgħat tiftakar għal żmien twil din il-laqgħa sabiħa u akkoljenti li kellha f'din il-belt ta' Sqallija.

Din is-Soċjetà Filarmonika Sengleana, taħt l-isem oriġinali tagħha – *La Vincitrice* -għadha magħna biex tkompli tagħti kontribut siewi permezz tas-sehem tagħha fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru f'din il-belt kif ukoll meta tkun il-mistiedna f'xi lokal ieħor. Għaldaqstant hija stabbiliet ruħha bħala waħda mill-elementi prinċipali biex tifrex il-kultura mużikali u tirsisti li tkun strumentali sabiex issaħħaħ il-karattru tal-festa Maltija.

1. L-avviż li deher f'*Malta Tagħna* tat-23 ta' Mejju 1908 dwar il-mawra li l-Banda Queen's Own kellha tagħmel fi Floridia.
2. L-ismijiet tal-President Dr Gian Felice Inglott u tas-Segretarju Raffaele Attard fost dawn li mbarkaw fuq *S.S. Carola* nhar is-27 ta' Mejju 1908.
3. It-*Teatro Comunale* fi Piazza del Popolo ta' Floridia.